MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 470/2005

**Korporazjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Paul Zammit u b'digriet tat-22 ta' Novembru, 2005 giet kjamata in kawza M'Anna Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tal-Korporazzjoni fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas ghall-kontijiet pendenti ghall-konsum tal-ilma u kera ta' *meter* tal-ilma, u ghall-konsum tal-elettriku u kera ta' *meter* tal-elettriku, li jammontaw ghall-mitejn u tlieta u tletin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm233.83), li llum huma ekwivalenti ghal hames mija u erbgha u erbghin Euro u tmienja u sittin centezmu (€544.68), fil-fond Blokk B/4 Flat 7, Qasam Bini tal-Gvern, Mosta skond il-kont numru 619569880 u d-dokumenti annessi.

Bl-ispejjes, inkluzi hdax-il lira Maltin u hamsin centezmi (Lm11.50), illum ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin Euro u disgha u sebghin centezmu (€26.79), spejjes ta’ l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Novembru, 2002 u bl-imghax kummercjali.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba tas-socjeta’ attrici ghandha tigi michuda fil-konfront tal-eccipjenti u *se mai* tigi diretta fil-konfront ta’ terzi u senjatament Maryanne Zammit li hija l-persuna li tghix fil-fond Blokk B/4 Flat 7, Qasam Bini tal-Gvern, Mosta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi, intant u ghal kull buon fini, il-kjamata fil-kawza qed tecepixxi l-preskrizzjoni.

B’digriet tat-22 ta’ Novembru, 2005 giet kjamata fi-kawza Marianne Zammit li pprezentat ir-risposta taghha fejn ecceppiet preliminarjament l-preskrizzjoni kwinkwennali a bazi tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu l-ammont reklamat mhux dovut peress li jirrisali ghal qabel is-separazzjoni ta’ bejnha u bejn zewgha, il-konvenut Paul Zammit u ghalhekk dan l-ammont ghandu jithallas mill-istess zewgha.

Ra r-risposta ulterjuri tal-kjamat fil-kawza li ecceppiet illi l-attur ghandu jindika d-dati ezatti ghal meta qed jitlob li ghandu jsir il-hlas u dan sabiex il-kjamata fil-kawza tkun tista’ tiddefendi ruhha.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Caruana, li jokkupa l-kariga ta’ *Administrator* fl-*Accounts Keeping Services Section* tal-Korporazzjoni. Jikkonferma li l-kont numru 619569880 huwa registrat f’isem il-konvenut fl-indirizz Blokk B/4 Flat 7, Qasam Bini tal-Gvern, Mosta.

Jikkonferma li l-ammont li qed jigi mitlub huwa ta’ mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm245.53), llum ekwivalenti ghal hames mija u wiehed u

sebghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€571.93). Inkluzi fihom hemm hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm11.50), illum ekwivalenti ghal sitta u ghoxrin Euro u disgha u sebghin centezmu (€26.79).

Il-kontijiet ilhom pendenti minn Novembru, 1997. L-ahhar pagament kien sar fi Frar, 1998 u kien fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm25.37), illum ekwivalenti ghal disgha u hamsin Euro u ghaxar centezm (€59.10). Kien hemm pagament iehor li sar fis-6 ta' Gunju, 2007 fl-ammont ta' hmistax-il lira Maltin u centezmu (Lm15.01), illum ekwivalenti ghal erbgha u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€34.96).

Jikkonferma li l-kont kien diga' jghajjat lill-konvenut sa' mis-sena 1994, u f'dak iz-zmien kien sar ftehim bejn il-Korporazzjoni u l-konvenut sabiex ihallas l-arretrati bin-nifs u dan il-ftehim gie ffirmat fit-2 ta' Awissu, 1993 fejn iddentifika l-firma ta' Anne Zammit, izda ma setax jgharraf il-firma tar-rapprezentant tal-Korporazzjoni.

Il-Korporazzjoni spjegat ukoll li in vista tal-eccezzjoni ulterjuri tal-kjamata fil-kawza, l-ammont li qed jintalab jirrisali ghall-perjodu bejn l-20 ta' Jannar, 1994 sat-18 ta' Novembru, 1997.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega li ma kienx qed jirrisjedi fil-post in kwistjoni bejn is-sena 1996 u 1997, ghaliex kien gie zgumbrat mid-dar matrimonjali skond digriet numru 817/96. Jispjega li ma kien avza lil hadd li ma kienx ghadu qed jghix hemmhekk, pero' kien jaf li l-kontijiet kienu jghajjtu lilu.

Ra x-xhieda ta' Marianne Zammit li tispjega li hi u l-konvenut kienu sseparaw ghall-habta tas-sena 1995 permezz ta' kuntratt. Tghid li ghall-habta ta' Gunju/ Lulju ta' dik is-sena kienet telqet mid-dar. Tikkonferma li b'digriet tal-Qorti fl-1996 il-konvenut kien gie zgumbrat mid-dar matrimonjali, pero' hi kienet ghamlet xi zmien tghix ma' ommha ghaliex kellha xi feriti.

Meta kienet irceviet kont ta’ hmistax-il Lira Maltin (Lm15), illum ekwivalenti ghal erbgha u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€34.94), kienet infurmathom li kienet isseparat u sussegwentement kienet irceviet kont iehor u meta marret ghand il-Korporazzjoni kienu nfurmawha li kellha thallas biss hamsa u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm25.37), illum ekwivalenti ghal disgha u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€59.10) u kienet hallsithom.

Tispjega ukoll li minkejja li kien hemm id-digriet, il-konvenut ma kienx telaq mill-ewwel. Kienet ukoll hallset xi arretrati fuq il-kont li kellhom pendenti fuq il-hanut tal-haxix li kien jitmexxa mir-ragel u dan ghaliex kienu qalulha li kienu ser jaqtghulha d-dawl u l-ilma.
Tispjega li hi ghadha tghix il-Mosta sa’ llum, izda wara li kien hareg id-digriet ta’ zgumbrament kienet marret il-Korporazzjoni, Hal Luqa, u dawret il-kont fuqha. Kienet marret darbtejn u ghalhekk kienet marret sabiex tivverifika l-kontijiet.

Tghid li ma tiftakarx li kien hemm xi kontijiet pendenti bejn 1993 u 1994, u li kien sar xi ftehim ghall-hlas ta’ arretrati, minkejja li kienet qed taghraf il-firma taghha fuq il-ftehim li gie esebit mill-Korporazzjoni.

Ra l-atti u dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

L-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza hija dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali. Fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ***“il-kelma “kreditu” tfisser kull jedd in personam li jaqbel ma’ kull obbligazzjoni ta’ debitur … huma obbligazzjonijiet ghal hlas ta’ flus u mhux obbligazzjonijiet di fare.”  - ‘ALF. MIZZI & SONS (MARKETING) LIMITED VS DISMAR COMPANY LIMITED’ (PA 12.10.2004).***

Il-Korporazzjoni attrici irriferiet l-kreditu taghha ghall-perjodu bejn l-20 ta’ Jannar, 1994 sat-18 ta’ Novembru, 1997.

Irrizulta mill-provi li ntbaghtet ittra ufficjali lill-konvenut fit-5 ta’ Novembru, 2002.

Tul il-proceduri u mill-provi migbura ma jirrizultax car minn meta kien ilu gej dan id-debitu, ghaliex l-istess provi huma konfliggenti. Kien hemm ftehim li sar fis-sena 2003 bejn l-partijiet sabiex il-konvenut ihallas bin-nifs u hekk gara.

Id-dokument WSC 1 li gie esebit a fol 2 tal-process, jirrizulta li kien hemm arretrati li jmorru lura sat-3 ta’ Gunju, 2006 u dan l-istess dokument inhareg fl-14 ta’ Frar, 2005.

Fix-xhieda tieghu mbaghad, Joseph Caruana in rapprezentanza tal-Korporazzjoni jispjega li l-kontijiet kienu jmorru lura sas-sena 1997, izda mbaghad in vista tal-eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza, jispjega li l-perjodu kien bejn is-sena 1994 sas-1997.
Ghall-finijiet tal-Artikolu 2156(f) huwa evidenti li jekk ma saritx ittra ufficjali kwalsiasi kreditu li seta’ kien dovut mis-sena 1994, 1995 u 1996 kollha kienu jkunu preskritti. Oltre minn hekk, lanqas hemm provi ta’ x’kreditu seta’ kellha l-Korporazzjoni kontra l-konvenut f’dawn is-snin, hlief ghas-sena 1996 fejn jirrizulta li kien hemm bilanc ta’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm128.97), u cioe’ llum ekwivalenti ghal tlett mitt Euro u tnejn u erbghin centezmu (€300.42). Pero’, l-ittra ufficjali giet ipprezentata fil-5 ta’ Novembru, 2002 u tkopri perjodu bejn is-snin 1994 u 1997. Zgur ghalhekk li l-preskrizzjoni kwinkwennali f’dan is-sens ghandha tigi akkolta ghal dak li jirrigwarda l-perjodu bejn 1994 sas-1996.

Madanakollu, kien hemm xi pagamenti li saru, l-ewwel wiehed li sar fis-6 ta’ Gunju, 1997 u dan l-istess pagament per se ifisser li kien hemm ammissjoni li dak l-ammont kien dovut u cioe’ li kien arretrati dovuti lill-Korporazzjoni attrici.

***"Huwa mghallem li l-'exceptio soltutio' u l-eccezzjoni li l-kawza tressqet wara zmienha (jigifieri preskritta) ma jitfux lil xulxin bhala eccezzjonijiet inkompatibbli. Madanakollu, l-eccezzjoni tal-hlas tista' sservi biex twaqqa' dik tal-preskrizzjoni. Dan isehh billi l-hlas, jekk ippruvat, huwa wahda mir-ragunijiet mahsuba mil-ligi biex tikser iz-zmien tal-preskrizzjoni." 'ALF. MIZZI & SONS (MARKETING) LIMITED VS DISMAR COMPANY LIMITED'. (PA 12.10.2004)***

Hadd mill-partijiet konvenuti ma kkontesta li l-ammont mhux dovut, l-uniku punt ta' kontestazzjoni, apparti l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, hija min minnhom huwa responsabbli ghall-ammont dovut peress li f'dak il-perjodu kienu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni.

Il-kjamata fil-kawza, tikkonferma li hi personalment kienet ghamlet xi pagament u precisament dawn kienu ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm25.37), illum ekwivalenti ghal disgha u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€59.10). Kien hemm pagament iehor li sar fis-6 ta' Gunju, 2007 fl-ammont ta' hmistax-il lira Maltin u centezmu (Lm15.01), illum ekwivalenti ghal erbgha u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€34.96), li ghalhekk kisser il-preskrizzjoni sa' mis-sena 2004, jekk dejjem kien hemm ghaliex ma ngabux provi f'dan is-sens, pero' l-istess argument ghandu jreggi ghas-sena 2006, fejn gie kkonfermat li kien hemm arretrati dovuti.
L-istess gie kkorroborat minn Joseph Caruana in rapprezentanza tal-Korporazzjoni attrici.

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

Jibqa' ghalhekk sabiex it-Tribunal jiddetermina min mill-partijiet kien responsabbli ghal dan id-debitu. Irrizulta mill-provi li l-konvenut u l-kjamata fil-kawza kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Fis-sena 2006 effettivament, il-konvenut kien gie ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali, izda ma kienx telaq immedjatament. Kien hemm zmien meta anke l-kjamata fil-kawza kienet marret tghix ghand ommha.

Dan id-dizgwid bejn il-partijiet huwa rifless car bil-mod kif kienu waqfu l-pagamenti lill-Korporazzjoni. Jibqa’ pero’ l-fatt li ghal Korporazzjoni, il-kontjiet dejjem kienu jaghtu lill-konvenut u li dan anke meta telaq mid-dar matrimonjali, fuq ordni tal-Qorti, ma avza lil hadd fil-Korporazzjoni sabiex idawwru il-kontijiet fuq l-kjamata fil-kawza.

Li kieku l-konvenut ma kienx mizzewweg, il-kwistjoni kienet tinghalaq hawn, izda, l-konvenut kif talba gustifikament, kellu martu u l-mertu tal-kawza, irrigwarda kontijiet tat-dawl u ilma tul il-perjodu li kienu mizzewwgin u ghalhekk l-istess arretrati jirraprezentaw dejn tal-kommunjoni tal-akkwisti.

Hadd mill-konvenuti semma’ jekk kienx intlahaq ftehim ghal dak li jirrigwarda d-dejn ezistenti fiz-zwieg, inkluz ghalhekk dan id-debitu mal-Korporazzjoni. Ma gietx ipprezentata xi sentenza ta’ separazzjoni jew lanqas biss gie pprezentat kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali. Fin-nuqqas ta’ dawn il-provi, it-Tribunal ser ikollu jikkunsidra dan id-debitu bhala dejn gravanti l-kommunjoni tal-akkwisti u li ghalih huwa responsabbli kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamat fil-kawza.

Ghalhekk, kemm il-kovenut, kif ukoll il-kjamata fil-kawza ghandhom ihallsu s-somma ta’ mija u sittax-il lira Maltin u disghin centezmu (Lm116.90),  u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u tnjen u sebghin Euro u tletin centezmu (€272.30) rispettivament, ghajr ghal sehem tal-mara li minnhom ghandhom jitnaqqsu nofs is-somma ta’ erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm40.38), illum ekwivalenti ghal erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€94.06), u cioe’ ghoxrin lira Maltin u dsatax-il centezmu (Lm20.19), u cioe’ ekwivalenti ghal sebgha u erbghin Euro u tlett centezmi (€47.03) u dan peress li dawn kienu pagamenti li diga’ kienet ghamlet il-kjamata fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, kif ukoll dawk tal-kjamata fil-kawza u jordna li ghandhom ihallsu s-somma ta’ mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu

(Lm157.28) (ghall-konvenut), u cioe' illum ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u sittin Euro u sitta u tletin centezmu (€366.36) u s-somma ta' sitta u disghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm96.71) (ghall-kjamata il-kawza), u cioe' illum ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u ghoxrin Euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€225.27).

L-ispejjes u l-imghax kif mitluba ghandhom jigu ssopportati nofs kull wiehed bejn il-konvenut u l-kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------